## APPREZZAMENT (2)

# Dun Anġelo Buttigieg

1929 - 2011



Dun Anġ twieled fl-20 ta' Ġunju tal-1926, bin Pawlu u Sunta Buttigieg, l-uniku tifel minn erba' aħwa li lkoll mietu qablu.

Ta' erbatax-il sena beda l-kors għas-Saċerdozju fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù r-Rabat, wara li kien temm l-iskola primarja fir-raħal tal-Qala. Is-Seminarista Anġelo Buttiġieġ hawn għamel l-istudji tiegħu tat-Teoloġija u tal-Filosofija. Nhar is-Sibt 9 ta' April 1955 – Sibt il-Għid – kien ordnat Saċerdot mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Ġużeppi Pace, Isqof Djoċesan.

L-ewwel sentejn ta' ħidma Saċerdotali, Dun Anġ għaddihom fis-Seminarju kemm bħala għalliem kif ukoll bħala Prefett tat-tfal interni li kienu jattendu l-istess skola tal-Knisja. Wara dawn is-sentejn, Dun Anġ, b'ubbidjenza sħiħa aċċetta t-talba ta' Monsinjur Isqof Pace u mar iwettaq il-ħidma Pastorali tiegħu fir-raħal ta' Għajnsielem. Hawn Dun Anġ sab it-tieni familja tiegħu. Il-poplu ta' Għajnsielem wera rispett u mħabba kbira lejn dan is-Saċerdot żagħżugħ ħabrieki u mimli kollu ħeġġa, fejn l-aktar li spikka kien fl-assistenza assidwa tiegħu mal-moribondi li ma kienx jafdahom weħidhom għax hekk kienet l-użanza ta' dawk iż-żminijiet. Dun Anġ kien konfessur ta' qalb twajba u kollha ħniena u kien ukoll predikatur li jipprepara tajjeb il-priedki tiegħu. F'Għajnsielem Dun Anġ ħadem bla heda għal tmien snin sħaħ.

Fl-1965 il-Qala kien miet il-Kappillan Xerri u warajh laħaq il-Kappillan Carmelo Vella mill-Għarb li qabel ma ġie l-Qala kien Kappillan fir-raħal tal-Għasri. Hawn Dun Anġ kien mitlub li jirritorna f'raħal twelidu. Fil-Qala l-ewwel xogħol ta' Dun Anġ kien ta' Viċi-Parroku u Sagristan Maġġur. Anke hawn, Dun Anġ wettaq il-Missjoni tiegħu b'ħeġġa u b'impenn Saċerdotali fil-veru sens tal-kelma. Ma kontx tmur il-knisja filgħodu jew għall-barka u l-quddiesa ta' filgħaxija u ma kontx tara hemm lil Dun Anġ. Huwa kien ikun dejjem impenjat fil-konfessjonarju biex jisma' l-qrar tal-fidili u jirritorna l-maħfra u l-paċi tal-Mulej lill-penitenti kollha li jersqu lejh. Filgħaxija kien ta' kuljum imexxi r-Rużarju lill-Madonna u fir-Randan kien imexxi l-Via Sagra fil-knisja qabel il-quddiesa. Viżta lil Ġesù Sagramentat Dun Anġ ma ħallija barra qatt. Dun Anġ kien Saċerdot li kien jgħożż il-familja. Dejjem jistaqsik dwar il-familja u ma kienx jixba' jwissi u jagħti pariri tajba għat-tħaris u ż-żamma tal-għaqda tal-familja. Anke hawn il-Qala, huwa kien jassisti kontinwament mal-moribondi u l-agonizzanti tar-raħal.

Fil-Qala Dun Anġ kien jieħu ħsieb il-knisja fil-bżonnijiet kollha tagħha. Kien jarma għall-festi kollha liturġiċi, kif ukoll kien jara li l-knisja kienet dejjem tinżamm nadifa u l-artal Maġġur bil-ward u bix-xemgħa kif titlob il-Liturġija u kif huwa xieraq. Dun Anġ għex u miet bħala Benefattur kbir tal-knisja. Kien iħobb il-festi ta' San Ġużepp u tal-Immakulata Kunċizzjoni b'imħabba kbira. Kien bniedem soċjevoli ħafna u jiċċajta ħafna maż-żgħażagħ.

Dun Anġ kien Saċerdot li jħobb 'l Alla u li jgħin u jservi lill-proxxmu tiegħu f'dak kollu li kien jiġi mitlub u li jkun possibbli għalih li jwettaq. It-talb kien xi ħaġa li għalih jibda mas-sebħ u jintemm tard filgħaxija qabel ħin l-irqad. Dan l-aħħar fl-isptar mhux darba jew tnejn ma kienx ikun jista' jorqod u kien jgħaddi ħinijiet twal jgħid ir-rużarju u talb ieħor, l-aktar il-kurunelli tal-Kunċizzjoni u dik ta' San Ġużepp.

Dun Anġ għamel żmien ukoll iservi f'ħafna parroċċi f'Malta, bħal San Ġorġ f'Ħal Qormi, il-parroċċa tal-Vitorja l-Mellieħa, San Filep f'Ħaż-Żebbuġ u f'diversi parroċċi oħra.

Kien għalhekk sewwa u wisq xieraq li nhar is-Sibt 12 ta' Frar, il-poplu tal-Qala u numru sabiħ ta' Għajnslemiżi, marru bi ħġarhom biex taw l-aħħar tislima lil Dun Anġ fil-funeral tiegħu fil-Qala. Il-Banda tal-Qala "Ite Ad Joseph" akkompanjatu fil-korteo minn ħdejn l-iskola sal-Knisja Arċipretali fejn wara saret Konċelebrazzjoni Funebri minn numru sabiħ ta' Saċerdoti li kienu mmexxija mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex. L- Arċipriet tal-Qala, ir-Reverendu Dr. Joe Zammit, fi tmiem il-funzjoni għamel kelmtejn xierqa b'rispett u għad-unur ta' Dun Anġ Buttigieg.

***Euchar Mizzi***